32006R1544

17.10.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 286/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1544/2006

tal-5 ta' Ottubru 2006

li jistabbilixxi miżuri speċjali li jħeġġu t-trobbija tad-dud tal-ħarir (verżjoni kodifikata)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

---

1 Opinjoni mogħtija fi .... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

2 Opinjoni mogħtija fi .... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 845/72 ta' l-24 ta' April 1972 li jistabbilixxi miżuri speċjali li jħeġġu t-trobbija tad-dud tal-ħarir[1] ġie emendat sostanzjalment diversi drabi[2]. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 827/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'ċerti prodotti elenkati fl-Anness II għat-Trattat[3] jistabbilixxi l-miżuri li jirregolaw il-kummerċ fid-dud tal-ħarir u fil-bajd tad-dud tal-ħarir mingħajr, madankollu, ma jipprovdi għal miżuri ta' appoġġ fil-Komunità. It-trobbija tad-dud tal-ħarir hija ta' xi importanza għall-ekonomiji ta' ċerti reġjuni tal-Komunità. Din l-attività hija sors ta' dħul addizzjonali għall-bdiewa f'dawk ir-reġjuni. Għalhekk għandhom jiġu adottati miżuri biex jgħinu jiżguraw dħul ġust għal dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir.

(3) Għal dak il-għan, għandha ssir dispożizzjoni għal miżuri biex jiffaċilitaw l-aġġustament tal-provvista għar-rekwiżiti tas-suq, u għandha tingħata għajnuna li tieħu post l-għajnuniet nazzjonali kollha dwar id-dud tal-ħarir għat-trobbija tad-dud tal-ħarir. Fid-dawl tal-karatteristiċi tat-trobbija tad-dud tal-ħarir, din l-għajnuna għandha tieħu l-forma ta' somma fissa għal kull kaxxa ta' bajd tad-dud tal-ħarir użata.

(4) L-ispejjeż magħmula mill-Istati Membri bħala riżultat ta' l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għandhom jiġu ffinanzjati mill-Komunità skond id-dispożizzjonijiet relatati ma' l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni.

---

1 ĠU L 100, 27.4.1972, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1668/2000 (ĠU L 193, 29.7.200, p. 6).

2 Ara l-Anness I.

3 ĠU L 151, 30.6.1968, p. 16. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2004 (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 97). Ir-Regolament Ikkoreġut ippubblikat fil-ĠU L 206, 9.6.2004, p. 37).

(5) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[1],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(6) Għandha tingħata għajnuna għad-dud tal-ħarir li jaqa' taħt il-Kodiċi NM 0106 90 00 u għall-bajd tad-dud tal-ħarir li jaqa' taħt il-Kodiċi NM 0511 99 90 imrobbi fil-Komunità.

(7) L-għajnuna għandha tingħata lil dawk li jrabbu d-dud tal-ħarir għal kull kaxxa bajd tad-dud tal-ħarir użata, bil-kondizzjoni li l-kaxxi jkollhom kwantità minima ta' bajd, li għandha tiġi stabbilita, u li d-dud ikunu trabbew b'suċċess.

(8) L-għajnuna għal kull kaxxa bajd tad-dud tal-ħarir użata għandha tkun EUR 133,26.

Artikolu 2

Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2).

Ir-regoli dettaljati għandhom ikopru b'mod partikolari l-kwantità minima msemmija fl-Artikolu 1(2), l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri u kwalunkwe miżura ta' spezzjoni għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità minn frodi jew irregolaritajiet oħrajn.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 3

Is-sena għat-trobbija ta' dud tal-ħarir għandha tibda fl-1 ta' April ta' kull sena kalendarja u tispiċċa fil-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara.

Artikolu 4

1 Il-Kummisjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Fibri Naturali stabbilit bl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 tas-27 ta' Lulju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u tal-qanneb imkabbra għall-ħjut[1], minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn qed issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deciżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 5

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni għandhom japplikaw għall-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1.

---

[1] ĠU L 193, 29.7.2000, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 953/2006 (ĠU L 175, 29.6.2006, p. 1).

Artikolu 6

Ir-Regolament (KEE) Nru 845/72 għandu jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K. RAJAMAKI

ANNESS I

Regolament imħassar flimkien ma' l-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 845/72	(ĠU L 100, 27.4.1972, p. 1)
Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4005/87	(ĠU L 377, 31.12.1987, p. 48)
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2059/92	(ĠU L 215, 30.7.1992, p. 19)
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1668/2000	(ĠU L 193, 29.7.2000, p. 6)

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KEE) Nru 845/72	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
-	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
-	Anness I
-	Annes II